**MALTA**

**FIT-TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 56/14VG**

**Gaetano Galea**

**Vs**

**Ronald u Christopher Bezzina u l-Kunsill Lokali Zurrieq**

**Illum 15 ta' Ottubru 2015**

**It-Tribunal**,

Ra r-Rikors ipprezentat minn Gaetano Galea fil-25 ta' Lulju 2014 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrevoka u jhassar id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli minn Decizjonijiet tal-Kunsilli Lokali Dwar l-Offerti datata 25 ta' April 2014 u filwaqt li jikkonferma l-aggravji tieghu fir-rigward ta' l-imsemmija decizjoni, jikkonferma d-decizjoni tal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq tal-11 ta' Lulju 2012 in kwantu hija decizjoni gusta u timmerita konferma, bl-ispejjez kollha kontra l-intimati;

Ra r-Risposta ta' Ignatius Farrugia bhala Sindku u Josianne Cilia Mumford bhala Segretarja Ezekuttiva ghan-nom u in rappreznetanza tal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq permezz ta' liema jopponu ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitolbu li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) in linea preliminari t-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jissindika decizjoni tal-Bord ta' l-Appell imwaqqaf mid-Dipartient ghall-Gvern Lokali skond il-Ligi Sussidjarja 363.03; (ii) ir-Rikorrent qed juza din il-procedura biex jappella minn appell meta dan mhux permess mill-Ligi; (iii) it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma giex imwaqqaf biex jissindika decizjonijiet ta' Bordijiet ta' l-Appell imwaqqfa skond il-ligiijiet *ad hoc* u specifici izda sabiex jirrevedi atti amministrattivi li huma definiti fil-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iv) id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli minn Decizjonijiet tal-Kunsilli Lokali dwar Offerti hija, ai termini tal-Kap.363 u tal-Legislazzjoni Sussidjarja 363.03, wahda finali u l-Kunsill Lokali taz-Zurrieq bilfors irid jimxi maghha;

Ra li waqt is-seduta tat-2 ta' Ottubru 2014 ir-Rikorrent u l-Kunsill Intimat qablu li fid-dawl ta' l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tat-Tribunal sollevata mill-Kunsill Intimat, tigi trattata u deciza din l-eccezzjoni qabel ma jigi trattat l-appell fil-meritu;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrentipprezentata fit-13 ta' Ottubru 2014 u ra n-Nota Responsiva tal-Kunsill Intimat ipprezentata fl-10 ta' Novembru 2014;

Ra r-Rikors ipprezentat mir-Rikorrent fit-13 ta' Ottubru 2014 permezz ta' liema jitlob korrezzjoni fl-okkju ta' dawn il-proceduri fis-sens illi l-okkju jigi jaqra "Gaetano Galea v. Ronald u Christopher Bezzina u l-Kunsill Lokali Zurrieq" minflok "Ronald u Christopher Bezzina v. Kunsill Lokali Zurrieq". Ra li waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2014, Dr. Reno Borg ghall-Kunsill Intimat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghat-talba ghall-korrezzjoni ta' l-okkju ta' dawn il-proceduri;

Ra d-Digriet moghti fl-24 ta' Novembru 2014 permezz ta' liema giet milqugha it-talba tar-Rikorrent ghall-korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri u gie ordnat li r-Rikors kif korrett jigi notifikat lil Ronald u Christopher Bezzina, in kwantu issa intimati w imharrka f'dawn il-proceduri, bi zmien ghoxrin gurnata min-notifika ghar-Risposta;

Ra li Ronald Bezzina gie notifikat bir-Rikors promotur fl-20 ta' Jannar 2015 izda ma pprezentax Risposta entro t-terminu prefiss u ma deherx quddiem it-Tribunal u ra li Christopher Bezzina gie notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda huwa wkoll ma ipprezentax Risposta entro t-terminu prefiss u ma deherx quddiem it-Tribunal;

Sema' t-trattazzjoni orali dwar l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tat-Tribunal sollevata mill-Kunsill Intimat;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra**:

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jattakka decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appelli minn Decizjonijiet tal-Kunsilli Lokali Dwar l-Offerti [iktar 'l quddiem f'din is-sentenza msejjah il-Bord] fil-25 ta' April 2014 u komunikata lilu fit-23 ta' Lulju 2014, permezz ta' liema gew milqugha it-talbiet ta' Ronald u Christopher Bezzina wara li l-Bord kien tal-fehma li l-Kunsill Lokali Zurrieq ma mexiex b'mod korrett fl-ghoti ta' l-award ghat-tender ghal *Cleaning and Clearing of non-Urban Roads* lill-istess Gaetano Galea. Ir-Rikorrent jibbaza l-kontestazzjoni tieghu mill-imsemmija decizjoni fuq is-segwenti premessi: (i) illi l-Bord wasal ghad-decizjoni tieghu fuq konsiderazzjonijiet zbaljati; (ii) il-Kunsill Lokali Zurrieq ezercita d-diskrezzjoni tieghu biex wasal ghad-decizjoni

tal-11 ta' Lulju 2012 fejn skarta anke l-aktar tender vantaggjuz u minflok ghazel l-offerta ta' Gaetano Galea, liema decizjoni sabet il-konfort tal-maggoranza tal-Kunsilliera prezenti ghal dik il-laqgha li vvutaw u ghalhekk il-Bord qatt ma seta' jiddikara dik id-decizjoni tal-Kunsill Lokali Zurrieq bhala wahda nulla in kwantu minn imkien ma jirrizulta li ttiehdet kontra l-ligi u huwa seta' ivarja, ihassar jew jikkancella dik id-decizjoni kemm-il darba kellu jirrizultalu li l-*award* gie allokat lil Gaetano Galea minghajr l-approvazzjoni permezz ta' vot mill-istess Kunsill; (iii) il-Bord agixxa *ultra vires* il-poteri lilu koncessi mill-Ligi peress illi qatt ma seta' jissindika l-operat tal-Kunsill Lokali Zurrieq u meta ghamel dan huwa libes iz-zarbun tal-Kunsill Lokali w assuma poteri li ma ghandux; (iv) il-Bord naqas milli jiehu in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet ta' Gaetano Galea meta *pendente lite* l-istess Bord gie mibdul u l-Bord kif kostitwit mill-gdid wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu minghajr ma rega' sejjah l-appell u ta l-fakoltà lill-partijiet kontendenti li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom, fejn Gaetano Galea kien appuntu sahaq u enfasizza fuq il-fatt li l-Bord ma kellux l-kompetenza li jissindika l-agir tal-Kunsill Lokali Zurrieq stante li dan huwa mwaqqaf b'ligi *ad hoc* kif sancit fil-Kostituzzjoni u ghal liema raguni huwa meqjus awtonomu bhal ma hija meqjusa awtonoma kull Awtorità imwaqqfa bil-Ligi.

Ignatius Farruga bhala Sindku u Josianne Cilia Mumford bhala Segretarja Ezekuttiva ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Zurrieq jopponu ghat-talbiet tar-Rikorrent b'diversi eccezzjonijiet, fosthom bl-eccezzjoni ta' l-inkompetenza *ratione materiae* ta' dan it-Tribunal, liema eccezzjoni qed tigi trattata u determinata b'din is-sentenza. Il-Kunsill Intimat jikkontendi li t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva *m'ghandux il-kompetenza jisma' dan il-kaz peress li m'hijiex il-mansjoni ta' dan it-Tribunal li jdawwar decizjoni tal-Bord ta' l-Appell imwaqqaf mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali skond il-ligi sussidjarja 363.03* u li *t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma giex imwaqqaf biex jissindika decizjonijiet tal-Bordijiet ta' Appell iwaqqfa skond ligijiet ad hoc u specifici izda sabiex jirrevedi atti amministrattivi li huma definiti fil-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta bhala "l-hrug mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, licenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, koncessjoni, decizjoni jew cahda ta' xi talba maghmula minn membru tal-pubbliku, izda ma tinkludix mizura li tittiehed ghall-organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi hdan l-istess amministrazzjoni pubblika"*[1].

Ronald Bezzina u Christopher Bezzina ghad illi entrambe notifikati bir-Rikors promotur, baqghu ma pprezentaw l-ebda Risposta ghat-talbiet tar-Rikorrent entro t-terminu lilhom prefiss minn dan it-Tribunal u lanqas deheru quddiem l-istess Tribunal.

Fir-rigward ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kunsill Intimat u trattata f'din id-decizjoni jibda biex jigi osservat illi l-Bord huwa imwaqqaf bis-sahha

[1] Risposta tal-Kunsill Lokali Zurrieq a fol. 10 u 11 tal-process.

tar-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali, Legislazzjoni Sussidjarja 363.03, u senjatament bis-sahha tar-Regolament 10 li fis-subregolamenti (1) u (2) jipprovdi li *l-Ministru ghandu jwaqqaf Bord biex jisma' u jiddeciedi dwar appelli minn decizjonijiet mehuda minn xi Kunsill Lokali dwar sejhiet ghall-offerti mahruga mill-istess Kunsill Lokali* u li *dan il-Bord ikollu s-setgha li jisma' u jiddeciedi appelli minn offerenti li jhossuhom aggravati b'decizjoni ta' dak il-Kunsill dwar offerti b'valur tal-kuntratt sa' tnax-il elf euro (€12,000) u f'kull kaz iehor meta, minflok ma jkun gie stabbilit il-valur stmat ta' l-offerta, ikunu gew stabbiliti jew offruti rati: Izda minkejja dawn id-disposizzjonijiet, f'kaz li l-Kunsill Lokali ma jkunx stabilixxa stima tal-valur ta' l-offerta, jew l-offerta tkun tinkludi biss rata ghal kull unità, il-Bord ghandu jiddeciedi dwar l-ammissibilità ta' l-appell fuq bazi tal-qliegh medju ta' l-offerta simili precedenti u fin-nuqqas ta' offerta simili, fuq dikjarazzjoni tal-Kunsill fuq il-valur massimu ta' l-offerta.*

A tenur tar-Regolament 11(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 363.03 *id-decizjoni tal-Bord tkun wahda finali u torbot lill-partijiet kollha*, li jfisser illi mid-decizjonijiet tal-Bord ma hemmx dritt ta' appell. Il-fatt illi l-Ligi ma tikkoncedix dritt ta' appell mid-decizjonijiet tal-Bord però ma jfissirx li, kif pretiz mill-Kunsill Intimat, b'mod awtomatiku l-operat ta' tali Bord huwa hieles minn kull tip ta' skrutinju u li ma jistax, f'cirkostanzi kongruwi, jigi sindakat. Huwa principju guridiku ormai ben stabbilit fis-sistema guridika nostrali li l-Ligi ordinarja ***tinvesti fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'gurisdizzjoni originali li tipprovdi rimedju fejn awtorità gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja teccedi l-gurisdizzjoni taghha jew tagixxi b'mod kontra l-ligi. Illum hu car li l-Qorti (Civili) tista' tissindika l-operat ta' kwalsiasi tribunal amminsitrattiv jew organu iehor b'poteri gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, l-ewwelnett biex tassigura li ma kienx hemm xi enunzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, u dan minghajr ma tipprova b'xi mod tissosstitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord, kif ukoll biex tassigura li l-organu kompetenti jkun, fil-fatt, wettaq id-dmirijiet tieghu, in konformità mal-principji tal-gustizzja naturali u tad-dritt***[2].

In bazi ghal dan il-principju guridiku diversi huma dawk il-Bordijiet u Tribunali imwaqqfa mill-Ligi b'funzjoni gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja u li mid-decizjonijiet taghhom ma hemmx dritt ta' appell jew hemm dritt ta' appell limitat, fir-rigward ta' liema gie rikonoxxut li l-operat taghhom jista', f'cirkostanzi kongruwi, jkun soggett ghal skrutinju u sindakar da parte ta' awtorità giudizzjarja ohra. Ezempji fost dawn huma l-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjannar li kien imwaqqaf bis-sahha ta' l-Artikolu 14 tal-Kap.356 tal-Ligijiet ta' Malta, mid-decizjonijiet ta' liema kien hemm dritt ta' appell fuq punti ta'

---

[2] Dr. Emanuel Borda v. Professur Roger Ellul Micallef noe, Appell Civili 1908/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Mejju 2009. Enfasi tat-Tribunal.

ligi biss a tenur ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap.356 tal-Ligijiet ta' Malta[3] u t-Tribunal Industrijali kif kien imwaqqaf taht il-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta, mid-decizjonijiet ta' liema ma kien hemm ebda dritt ta' appell a differenza tat-Tribunal Industrijali kif illum imwaqqaf bis-sahha ta' l-Artikolu 73 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, mid-decizjonijiet ta' liema hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fuq punti ta' Ligi biss (Art. 82(3) tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Jason Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, Appell Nru. 9/01** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Ottubru 2002,gie osservat illi *decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar jistghu jigu impunjati quddiem il-Qrati Ordinarji (izda mhux quddiem din il-Qorti fil-vesti taghha ta' Qorti ta' l-Appell) fil-kazijiet kongruwi, per ezempju, fl-ipotezi li l-Bord wettaq xi ingustizzja manifesta billi jkun naqas li josserva xi principju tal-gustizzja naturali. Kwistjonijiet bhal dawn, però, ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti skond l-imsemmija disposizzjoni.* Dan l-istess principju gie ribadit f'diversi sentenzi ohra tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) bhal ad ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Franco Busuttil v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp Appell Nru. 38/01** deciza fis-27 ta' Jannar 2003, fejn gie osservat illi *meta allura fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' l-Appell minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar hija qatt ma tista' tigi mitluba sabiex taghmel dan l-ezercizzju ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, stante li dan l-istharrig fil-maggoranza tal-kazi jinkludi ezami kemm tal-fatti esposti fil-kaz in partikolari, kif ukoll tal-ligi applikabbli, u dan apparti li r-rimedji ghall-istess a differenza minn dak quddiem din il-Qorti huma wkoll ben differenti kif jista' jigi indikat bhala ezempju mill-artikolu 469A(5) li jikkontempla wkoll talbiet ta' danni, apparti in-nullità ta' l-istess att amministrattiv. Illi invece f'din il-veste din il-Qorti qed tagixxi biss bhala Qorti tat-tieni istanza u anke l-ezami taghha huwa hekk limitat fid-disposizzjoni ta' l-artikolu 15(1) tal-Kap.356, b'mod li hija tista' biss tezamina d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord, b'dan ghalhekk li* ***r-rikors lejn din il-Qorti taht il-Kap.356 u l-azzjoni quddiem il-Qrati Ordinarji taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 469A tal-Kap.12 huma ghal kollox differenti u distinti minn xulxin, u certament li wahda ma ghandha qatt telimina jew tissossititwixxi ruhha ghal ohra, anke peress li z-zewg azzjonijiet, flimkien ma' ohrjan, huma disponibbli ghal kull persuna, kollox skond in-natura tal-lamentela jew aggravju taghha, skond ir-regoli rispettivi, inkluz procedura u principji sostantivi, u r-rimedji differenti li japplikaw ghal kull kaz in partikolari***[4]*, huwa impossibbli li jigu elenkati kollha f'din is-sentenza. Illi ghalhekk dak li huwa ta' importanza massima ghal din il-*

---

[3] Dan il-Bord illum gie sostitwit bit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjannar, Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta.

[4] Enfasi tat-Tribunal.

*vertenza huwa li l-kuncett ta' ultra vires huwa wiehed ta' applikazzjoni amministrattiva, u ghandu dejjem jingieb quddiem il-Qorti kompetenti, li ma hijiex din il-Qorti, skond ir-regoli u d-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli inkluz il-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk insenjament tas-sentenza fuq citata ghandhom dejjem jinqraw f'dan il-kuntest.*

Fir-rigward tat-Tribunal Industrijali kif imwaqqaf taht il-Kap.266 tal-Ligijiet ta' Malta mid-decizjonijiet ta' liema ma kienx hemm dritt ta' appell, il-Qrati nostrali osservaw illi ***dawn il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni generali biex jistharrgu l-imgieba ta' kull tribunal kwazi-gudizzjarju jew mahluq staturojament. Dan jinghad ghaliex, fi stat ta' dritt, hadd mhu mehlus mir-rabta li jimxi kif tridu l-ligi, u jekk issir xilja li dik il-persuna ma xmietx skond il-ligi, huma l-Qrati li ghandhom is-setgha li jqisu l-ilment u li jaghtu ir-rimedju, jekk ikun il-kaz***[5]. *Illi, minbarra kwistjonijiet li jmissu allegazzjonijiet ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali mharsin bil-Kostituzzjoni, il-gurisdizzjoni li l-Qrati ghandhom hija limitata ghas-setgha li jissindikaw il-hidma u l-ghamil tat-Tribunal Industrijali (a) biex jizguraw li dan ma jkunx mar lil hinn mis-setghat moghtijin lilu bil-ligi li bis-sahha taghha gie imwaqqaf u li tahtha jinsab regolat (jigifieri, l-Att XXX tal-1976); (b) biex jaraw li, tkun xi tkun il-procedura li jkun segwa, jkun hares li jsir haqq skond il-meriti sostantivi tal-kaz migjub quddiemu u dan b'harsien tar-regoli tal-gustizzja naturali; u (c) biex jaraw li s-sentenza jew id-decizjoni li jkun ta' ma tkun bl-ebda mod kontra xi ligi miktuba jew kontra xi att li jkollu s-sahha ta' ligi dwar kundizzjonijiet maghrufa ta' l-impieg. Illi jrid jinghad ukoll li biex il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal tigi disturbata, irid ta' bilfors jirrizulta lill-Qorti li qeghda tindaga l-operat ta' l-istess Tribunal li, fil-fatt, ikun sehh xi ksur ta' mqar wiehed mit-tliet oqsma ta' stharrig hawn fuq imsemmija. Illi, minn barra dan, tali stharrig ma jistax iservi bhala ezercizzju ta' appell biex jiftah mill-gdid il-mertu tal-kontroversja maqtugha fit-Tribunal, izda hija wahda li giet imfissra bhala "funzjoni ta' kassazzjoni" dwar l-operat ta' dak l-istess Tribunal. Illi minn dan kollu johrog li s-siwi tar-ragunament maghmul mit-Tribunal biex jasal ghad-decizjoni tieghu ma jistax jigi meqjus mill-Qrati fl-ezercizzju taghha ta' stharrig dwar l-operat ta' l-istess Tribunal, sakemm dak ir-ragunament ma jurix bic-car li jkun qed jikser xi wahda mit-tliet oqsma li fihom il-Qorti ghandha s-setgha li tindaga*[6].

L-essenza ta' tali principji giet ribadita mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Power Projects Limited v. Stephen Agius, Citaz. Nru. 279/98** deciza fis-16 ta' Gunju 2003, fejn inghad illi *jidher opportun f'materja ta' din ix-xorta illi qabel xejn jigi puntwalizzat il-hsieb, rikorrenti f'bosta decizjonijiet, riferibilment ghas-sindakar tal-Qrati Ordinarji dwar l-operat tat-tribunal amministrattivi in generali, jew, bhal f'dan il-kaz, dak*

[5] Enfasi tat-Tribunal.
[6] SM Cables Limited v. Carmelo Monaco, Citaz. Nru. 2661/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Frar 2002.

*tat-Tribunal Industrijali. Intqal a propozitu illi din il-kwistjoni tinqasam fi tnejn:- "L-ewwel wahda tirrigwarda in generali l-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati biex jiehdu konjizzjoni ta' l-operat tat-Tribunal Industrijali, u imbaghad it-tieni wahda, li tirrigwarda l-limiti spejcali u specifici ta' dik il-gurisidzzjoni. It-Tribunal Industrijali jrid jagixxi u jimxi intra vires lilu moghtija fil-Kapitolu 266 tal-Ligijiet. Il-Qrati ordinarji jissindikaw l-operat tat-Tribunal, ghalhekk, meta huwa jmur ultra vires lilu moghtija. It-Tribunal ghandu wkoll bl-Artikolu 31(3) tal-Kapitolu 266 jiehu hsieb, li tkun xi tkun il-procedura li juza, (a) jassikura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz; u (b) li dik tkun bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali. Finalment skond l-Artikolu 32(4) ta' l-istess Kapitolu: It-Tribunal ma ghandux jaghti xi sentenza jew decizjoni li tkun kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impjieg.*

Mis-sentenzi kollha appena citati jirrizulta bil-wisq evidenti ghalhekk li a tenur tal-gurisprudenza nostrali s-sindakar ta' l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv jew organu iehor b'poter gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju, anke fejn mid-decizjonijiet ta' tali tribunal jew organi ohra b'poter gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju ma jkunx hemm dritt ta' appell jew ikun hemm dritt ta' appell ferm limitat, jaqa' taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili fil-kompetenza ordinarja taghhom. Madanakollu però peress illi l-imsemmija sentenzi kollha gew pronuncjati qabel ma twaqqaf it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva bis-sahha ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amminsitrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, iqum il-kwezit jekk tali kompetenza llum hijiex jew tistax tigi vestita fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva flimkien ma' jew minflok il-Qrati Civili fil-kompetenza ordinarja taghhom.

It-Tribunal haseb fit-tul fuq din il-kwistjoni u wara li ezamina *funditus* kemm id-disposizzjonijiet tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-kompetenza tat-Tribunal kif ukoll id-Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati dwar l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, liema Dibattiti jaghtu hjiel tal-hsieb u l-intenzjoni tal-Legislatur wara Ligi partikolari, huwa tal-fehma li l-kwistjoni jew ahjar ilmenti imressqa quddiemu f'dan il-kaz ma jaqghux taht il-kompetenza tieghu.

Il-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tinsab delineata fl-Artikoli 5 u 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikolu 25(2) ta' l-imsemmi Att, liema provvedimenti tal-Ligi jipprovdu illi: *qieghed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti w imparzjali, li jkun maghruf bhala t-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva, **bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull ligi ohra, u bl-iskop ta' l-ezercizzju ta' kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva b'din il-ligi, jew taht din il-ligi, jew xi ligi ohra, kemm qabel kemm wara li jidhol fis-sehh dan l-Att**. It-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva jkollu **l-komptenza li jirrivedi atti amministrattivi*** [Artikolu 5 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta], *it-*

*Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun* ***kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima***[7] [Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta] u *t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu minnu issa 'l quddiem ikollu il-kompetenza li kellhom il-persuni, korpi u tribunal amminsitrattivi imsemmija fil-ligijiet elenakti fit-Tielet Skeda, qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu* [Artikolu 25(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta].

Jigi osservat li ghalkemm l-Artikolu 25(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta jsemmi t-Tielet Skeda annessa ma' l-Att bhala fatt tali Skeda ma tezistix ghaliex kif jirrizulta mill-Ligi stess din thalliet barra taht l-Att ta' l-1980 dwar ir-Revizjoni tal-Ligijiet Stautorji u l-emendi li kien hemm fl-Iskeda gew inkorporati fil-legislazzjoni relattiva.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Abela v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta, Citaz. Nru. 295/11** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar 2012, il-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva giet delineata minn dik il-Qorti entro s-segwenti termini: *illi huwa minnu li, minkejja li twaqqaf l-imsemmi Tribunal, il-legislatur ma deherlux li kellu jhassar ukoll l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u li dan ir-rimedju baqa' disponibbli wkoll bhala ghodda ta' stharrig gudizzjarju ta' l-ghemil ta' l-amministrazzjoni pubblika. Id-disposizzjonijiet li jghoddu ghall-Qorti ma jestendux irwiehom ghat-Tribunal. Jista' jkun ukoll li kemm din il-Qorti kif adita biex twettaq l-imsemmi stharrig kif ukoll it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jwettqu setghat li jixxiebhu. Izda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubblici jew dawk il-korpi biss li l-Att kostituttiv tieghu espressament jaghnih bihom fit-Tielet Skeda tieghu* [Artikolu 25(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta] *u ma ghandux is-setgha li jistharreg l-ghemil ta' awtoritajiet ohrajn li jaqghu fil-kompetenza wahdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgha ta' din il-Qorti li tisma' kawza ta' stharrig gudizzjarju tibqa' wahda residwali bhala garanzija ahharija fejn il-persuna mgarrba ma jkollhiex rimedju iehor gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju taht xi ligi ohra jew quddiem xi tribunal iehor.*

Minn din is-sentenza jidher car li skond il-Prim' Awla tal-Qorti Civili l-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva hija limitata biss ghal dawk l-awtoritajiet pubblici li l-Ligi kostituttiva taghhom taghti dritt ta' appell minn atti amministrattivi da parte taghhom ghal quddiem dan it-Tribunal,

[7] Enfasi tat-Tribunal.

bhal ad ezempju d-dritt ta' appell minn stimi tal-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward ta' *income tax* a tenur ta' l-Artikoli 34 u 35 *et seq* tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u fir-rigward ta' taxxa fuq il-valur mizjud a tenur ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Bir-rispett kollu lejn dik il-Qorti però t-Tribunal jzid jghid li fil-fehma tieghu bis-sahha ta' l-Artikolu 5 u ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, izda b'rispett lejn dak provdut fl-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa wkoll kompetenti biex jittratta u jiddetermina kwistjonijiet migjuba quddiemu vis-à-vis atti amministrattivi ta' awtoritatjiet pubblici fejn il-Ligi kostituttiva per se ma taghtix dritt ta' appell dirett ghal quddiemu basta però li l-azzjoni u t-talbiet kif impostati ma jkunux jaqghu taht il-komptenteza specifika tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili a tenur ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza parzjali fl-ismijiet "Joe Borg Olivier noe v. Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Xoghol u l-Familja" Rik. Nru. 79/11 deciza minn dan it-Tribunal fis-26 ta' Settembru 2011. Ghal kull buon fini jigi rilevat li ghalkemm fil-prezent l-imsemmija kawza tinsab pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), is-sentenza parzjali tas-26 ta' Settembru 2011 ma gietx appellata.

Fil-fehma tat-Tribunal il-gurisprudenza wahdeha ma taghtix risposta cara ghall-kwezit li ghandu quddiemu fil-kaz in ezami, u cioè jekk il-kompetenza li jigi mistharreg l-operat ta' tribunal jew organu giudizzjarju jew kwazi-giudizzjarju – bhalma hu l-Bord ta' l-Appelli minn Decizjonijiet tal-Kunsilli Lokali Dwar Offerti - illum hijiex vestita fih ukoll flimkien ma' jew minflok il-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Fil-fehma tieghu ghas-soluzzjoni adegwata ta' tali kwezit jehtieg li ssir referenza ghad-Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati fir-rigward ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva li bis-sahha tieghu twaqqaf it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

F'tali rigward issir referenza specifika ghad-Dibattitu tal-Kamra tad-Deputati tas-27 ta' Novembru 2006 fejn inghad: *F'dan l-abbozz* [ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva] *qeghdin nitkellmu fuq parti partikolari ta' dan id-dritt amministrattiv. Dan huwa proprjament dak li jissejjah jew administrative jurisdiction jew inkella administrative justice. Jigifieri billi huwa inevitabbli li jkollok disputi, problemi, konflitti li jqumu bejn l-interessi u d-drittijiet tac-cittadini individwalment u tal-gvern centrali u l-awtoritajiet legali, hemm bzonn li jkun hemm xi haga ta' gustizzja, tribunal jew qorti, li tiddeċiedi l-kwestjonijiet.* ***Issa l-qrati ordinarji ghandu ikollhom gurisdizzjoni f'materji purament legali, iżda l-problemi jikkomplikaw ruhhom fuq dan il-livell ta' dritt amministrattiv meta l-kwestjonijiet ikollhom elementi ta' natura teknika u t-tieni li aktar milli liġi huma dixxerniment bejn konflitti fl-interessi privati u dawk pubblici. Allura x'qeghdin naghmlu b'dan l-abbozz? Qeghdin nissudaw bicca ohra minn dak li ghandna digà tad-dritt amministrattiv fil-mod ta' kif wiehed jiddeciedi l-***

***kwestjonijiet li jqumu bejn ic-cittadin u d-diversi korpi tad-dritt pubbliku li fih wiehed ikollu konflitt maghhom[8].*** *Il-hsieb tal-ligi huwa wiehed mill-iktar semplici. Huwa semplici ghax qieghed jipprova jgib id-diversi tribunali li gew iffurmati tul dawn l-ahhar 60 sena taht umbrella ta' tribunal wiehed, u flok ikollna diversi tribunali mxerrdin ikollna tribunal wiehed li jisma' kollox. Però rridu nghidu li biex wasalna ghal din il-pozizzjoni kien hemm zvilupp ukoll interessanti f'pajjizna.* ***Ghalkemm qeghdin naccettaw li l-principju huwa li l-qrati ordinarji ghandhom kemm jista' jkun jiddeciedu kwestjonijiet ta' natura purament legali, pero' fejn tidhol certa teknika u certa konoxxenza partikolari f'certu settur, allura wiehed ghandu jmur ghal dawn it-tribunali. Allura qeghdin nghidu li se naghmlu tribunal iehor li qisu jimxi paripassu ma' dak li ghandna bhalissa fil-qrati taghna[9].*** *Il-pozizzjoni taghna m'hijiex wahda, biex nghidu hekk, kompletament sajma. Fil-fatt wiehed irid jghid li fl-Att XXIV ta' l-1995, li kien strumentali ghalih, Alla jaghtih il-genna, l-ex ministru Joe Fenech, kienu gew stabbiliti zewg artikli verament importanti, u dawn kienu l-artiklu 469A u l-emenda ghall-artiklu 637 tal-kodici ta' organizzazzjoni u procedura civili. Issa rridu nzommu f'mohhna li dan l-att ghamel rivoluzzjoni kbira fil-kodici f'dak li jirrigwarda kawzi ta' materja civili. Per ezempju, f'dak l-att konna nehhejna l-libell, nehhejna l-qorti ta' gurisdizzjoni kummercjali u ghamilna qorti wahda, dik civili, u ttiehdu hafna deciżjonijiet tajbin u kien abbozz ta' ligi li kien jinkorpora kwantità kbira ta' emendi li jolqtu d-dritt civili u d-dritt ta' procedura u d-dritt amministrattiv ukoll. U abbazi ta' dak li kien sar f'dak l-att, wiehed illum jista' jiccaqlaq 'il quddiem. Issa tajjeb li nzommu quddiem ghajnejna li l-artiklu 469A jghid espressament is-segwenti: "469A. (1) Saving as is otherwise provided by law, the courts of justice of civil jurisdiction may enquire into the validity of any administrative act or declare such act null, invalid or without effect only in the following cases: (a) where the administrative act is in violation of the Constitution; (b) when the administrative act is ultra vires on any of the following grounds: (i) When such act emanates from a public authority that is not authorised to perform it; or (ii) when a public authority has failed to observe the principles of natural justice or mandatory procedural requirements in performing the administrative act or in its prior deliberations thereon; or (iii) when the administrative act constitutes an abuse of the public authority's power in that it is done for improper purposes or on the basis of irrelevant considerations; or (iv) when the administrative act is otherwise contrary to law." Allura x'ghamel dan l-artiklu li gie fl-1995? Dan accetta kien digà s-sitwazzjoni fejn kellna diversi tribunali amministrattivi partikolari, u ta' min jghid li llum qrobna biex ikollna mitt wiehed minn dawn it-tribunali amministrattivi.* ***Fl-1995 Joe Fenech kien stabbilixxa b'mod car x'inhi l-parti li tispetta lill-prim'awla tal-qorti civili u dik tat-tribunali***

---

[8] Enfasi tat-Tribunal.
[9] Ibid.

***amministrattivi. Din il-linja, f'dan il-mument, ahna se nhalluha kif inhi***[10].

Mill-bran appena citat johrog car li bil-promulgazzjoni ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva l-Legislatur ma kellux l-intenzjoni li jisvesti lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili mill-kompetenza taghha li tistharreg azzjonijiet amministrattivi a tenur ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz ghalhekk l-istharrig ta' l-operat ta' tribunali jew organi b'funzjonijiet giudizzjarji jew kwazi-giudizzjarji.

Applikati dawn l-osservazzjonijiet ghall-kaz in ezami jirrizulta li dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddeciedi l-kwistjoni posta quddiemu mir-Rikorrent. In effetti mir-Rikors promotur jirrizulta b'mod car li ir-Rikorrent qed jikkontendi li l-Bord ta' l-Appelli minn Decizjonijiet tal-Kunsilli Lokali Dwar Offerti agixxa b'mod *ultra vires* u li l-istess Bord ivvjola l-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram parte* meta, ghad illi kostitwit mill-gdid, ipproceda biex jaghti s-sentenza minghajr ma ta opportunità lill-partijiet kontendenti li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom quddiemu. Dawn iz-zewg aggravji jaqghu entro l-parametri ta' l-azzjoni ghall-istharrig ta' azzjoni amministrattiva a tenur ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari a tenur tas-subartikolu (1)(b) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, u ghaldaqstant il-kompetenza biex tittratta u tiddeciedi dwar l-istess hija evidentement vestita fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili u mhux f'dan it-Tribunal.

Ghalkemm ir-Rikorrenti jissoleva wkoll l-aggravju li *l-Board ta' l-Appelli minn Decijzonijiet tal-Kunsilli Lokali Dwar l-Offerti wasal ghal konkluzjoni fuq konsiderazzjonijiet zbaljati,* b'daqshekk ma jfissirx li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghandha tkun zvestita minn dik il-kompetenza u jigi minflok vestit biha dan it-Tribunal. Ghalkemm a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva huwa kompetenti li jirrevedi atti amminsitrattivi fuq punti ta' ligi u ta' fatt, dan il-provvediment tal-Ligi ma ghandux jigi interpretat bhala li jaghti lir-Rikorrent dritt ta' appell a differenza ta' dritt ta' stharrig amministrattiv li ma jikkompetix lilu ai termini tal-Ligi kostituttiva, f'dan il-kaz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 363.03.

It-Tribunal ghalhekk iqis li l-eccezzjoni tal-Kunsill Intimat fis-sens li t-Tribunal huwiex kompetenti li jittratta u jiddeciedi l-kwistjoni migjuba quddiemu mir-Rikorret hija gustifikata u b'hekk tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni ta' Ignatius Farrugia bhala Sindku u ta' Josianne Cilia Mumford bhala Segretarja Ezekuttiva ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Zurrieq u filwaqt

[10] Enfasi tat-Tribunal.

li jiddikjara li ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddeciedi l-kaz in ezami, jastejni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**